BIRGU
Citta' Vittoriosa

## Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

# Minuti tal-laqgħa 19(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għat-19-il laqgħa fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tlieta, 27 ta' Awwissu 2013, fis-siegħa ta' wara nofs inhar. (1:00pm)

## Prezenti

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, l-Viċi Sindku, S-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel, is-Sur Alan Cassar u s-Sur Lawrence Attard.

Staff Klerikali – Is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, Deputat Segretarja Ezekuttiv.

## Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Kunsil approva unanimament il-minuti tal-laqgħa.

1.2 Is-Sindku qal li fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill irid jieħu deċizjoni dwar jekk iggedidtx il-ħatra tas-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, bħala Deputat Segretarja Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali tal-Birgu peress li din il-ħatra tiskadi fl-24 ta' Settembru 2013.

1.3 Is-Sindku nforma lil-Kunsill li kien ircieva tlett risposti biss minn għand ir-residenti li joqogħdu fi Triq San Lawrenz dwar talba sabiex issir *road hump* peress li kien qed isir sewqan eccessiv. Il-Kunsill qabel unanimament li talba biex issir road hump tiġi milqugħa.

1.4 Is-Sindku tkellem dwar il-preparamenti Birg Fest 2013 u talab sabiex fil-laqgħa li jmiss tittieħed deċizjoni biex jinħargu kwotazzjoni għall-armar ta' dawl, sound u stages.

1.5 Dwar il-flus li l-Kunsill għandu mill-*Urban Improvement Fund*, qal li fil-laqgħa li jmiss ser jieħdu deċizjoni dwar xi proġett ser isir.

1.6 Il-Kunsill qabel unanimament li donazzjoni ta' kotba tingħata lill-iskola primarja tal-Birgu.

1.7 Il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa mas-Soċjeta Muzikali San Lawrenz matul il-ġimgħa bejn 9 u 13 ta' Settembru 2013.

1.8 Is-Sindku talab sabiex terġa' tintbgħat ittra lill-Perit David Vassallo dwar ix-xogħlijiet tal-bankina fi Triq Wenzu Dyer.

2. Korrispondenza

2.1 Inqrat korrispondenza li nbgħatet lill-Kunsill ta' Amalfi dwar il-proposta tal-Kunsill sabiex l-iffirmar tal-ġemellagg isir f'Gunju 2013 matul l-attivita' tar-regatta li ssir f'Amalfi.

2.2 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Fondazzjoni Richmond dwar l-attivita' *Christmas Market* li ser tiġi organizzata flimkien mal-Kunsill fl-1 ta' Diċembru 2013.

2.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-proposta tal-Kunsill sabiex jiġi installat il-lift fi Triq San Lawrenz.

2.4 Inqrat korrispondenza li nbgħatet lill-Onorevoli Godfrey Farrugia sabiex il-Kunsill jiġi pprovdut servizz ta' ambulanza waqt l-attivita' tal-Birgufest 2013.

2.5 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill PA/02394/13 sabiex isir restawr u alterazzjoni fil-Berga ta' Franza.

2.6 Inqrat korrispondenza mibgħuta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar jekk għandux isir *interim audit* peress li nbidlet is-Segretarja Ezekuttiv. Is-Sindku qal li ma kienx jaqbel li jsir *interim audit* peress li ġa sar l-awtidjar fl-aħħar tas-sena u din kienet ser tikkawza spiza għall-Kunsill. Dwar il-korrispondenza li kien bgħat sabiex jingħata linja gwida fuq il-procedura biex jintalbu kwotazzjonijiet, is-Sindku qal li l-Kunsill kien ġie infurmat mid-Dipartiment li dawn kienu ser jiġu diskussi waqt laqgħa tad-Dipartiment u sa llum il-Kunsill kien għadu ma jrċeviex risposta.

2.7 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumpanija *Cassar Ship Repairs* dwar l-għeluq tat-toroq matul il-festa ta' San Lawrenz u l-permessi tal-kiosks li ngħataw mill-Kunsill. Is-Sur Cassar ilmenta li dan ikkaguna telf lin-negozjanti li għandhom il-ħwienet fil-lokalita'.

2.8 Inqrat korrispondenza mibgħuta lil-Onorevoli Joe Mizzi dwar il-laqgħa li l-Kunsill flimkien mal-Kumitat Vittoriosa Stars FC kellu mal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura. Il-Kunsill wera l-apprezzament tiegħu għal mod kif ġiet offruta l-għajnuna sabiex il-grawnd tal-Fortini jingħata t-tarmak u jsir parkegg organizzat.

2.9 Inqrat korrispondenza mibgħuta lis-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali fejn ġie nfurmat li ser tittella' esebizzjoni fil-Berga ta' Franza nhar is-Sibt, 31 ta' Awissu 2013. Matul din il-wirja ser jittelgħu xogħlijiet u ideat tal-proġett msejjaħ *Design Projects – Birgu* ta' l-istudenti tar-raba' sena tal-arkitettura, fil-fakulta' tal-*Built Environment* fid-Dipartiment tal-Arkitettura taħt it-tmexxija tal-għalliem tagħhom is-Sur Patrick Galea. Il-Kunsill wera x-xewqa li l-esebizzjoni tiġi awgurata mis-Segretarju Parlamentari.

2.10 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ghirxi, Segretarju Privat fis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilita' u Anzjanita' Attiva dwar it-talba tal-Kunsill sabiex isir Day Centre fil-Berga ta' Franza tal-Birgu. Il-Kunsill gie infurmat li din it-talba qed tigi ikkunsidrata b'mod attiv.

3.11 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju għas-Socjeta Muzikali San Lawrenz sabiex il-Kunsill jagħmel arrangamenti mal-Perit tal-Kunsill sabiex jigu ezaminati l-ħsarat li hemm fil-maħzen tal-Plancier fil-Ħawli. Is-Sindku talab sabiex issir spezzjoni mil-Perit.

2.12 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Marco Boaria responsabbli mill-progett *European Youth Environmental Sentinels* fejn il-kunsill ġie infurmat li kien intgħazel biex jieħu sehem f'dan il-proġett flimkien ma' 24 organizzazjoni oħra kif ukoll dwar il-proġett Alda.

2.13 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Liliana Camilleri mill-programm Xarabank fejn il-Kunsill u r-residenti tal-Birgu ġew mistiedna jieħdu sehem fl-ewwel programm ta' Xarabank li ser isir il-Ġimgħa, 4 ta' Ottubru 2013. Il-Kunsill qabel li ma jipparteċipax f'dan il-programm.

2.14 Inqrat korrispondenza mibgħuta lill-Agenzija Demokratika Kosovo fejn il-Kunsill wera l-interess tiegħu fi proġett Green Entrepreneurs Approaching Toursim.

2.15 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Cilia Mintoff mill-PPCD dwar iċ-ċertifikazzjoni tad-dokumenti relatati mal-proġett Seatoland.

2.16 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Fondazzjoni Wirt Artna dwar zamma u tindif ta'qsari fiz-zona ta' Couvre Porte.

2.17 Inqrat korrispondenza mibgħuta lill-Kumpanija Green MT sabiex din il-kumpanija tgħin finanzjarjament fil-proġett *Day Centre* għal anzjani tal-Birgu.

3. Approvazzjoni tal-Finanzi

3.1 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għal perjodu matul il-25 ta' Lulju 2013 u s-27 ta' Awwissu 2013 li kien jammonta għall-€55,781.31. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Anton Gellel, il-Kunsill approva unanimament l-lista ta' pagamenti.

4. Approvazzjoni tal-*Management Letter*

4.1 Is-Sindku pprezenta kopja tal-*Audited Financial Statements* tal-Kunsill Lokali tal-Birgu għas-sena 2012 kif ukoll l-*Management Letter* preprarata mil-Awdituri tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-Kunsill wara li ddiskuta ir-rapport tal-awdituri u l-kontentut tal-*management letter*, fuq proposta

tas-Sindku s-Sur John Boxall, li ġiet ssekondata mil-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsill approva unanimament il-*management letter* .

5. Decizjoni dwar ħruġ ta' *Tenders*

5.1 Is-Sindku talab sabiex jinħargu sejħiet għall-offerti għas-servizz ta' *Certified Public Accountant*, *Works Manager* u Avukat tal-Kunsill, peress li l-kuntratti kienu skadew. Il-Kunsill approva unanimament li jinħargu dawn is-sejħiet.

5.2 Is-Sindku tkellem dwar il-kuntratt ta' manutenzjoni tad-dawl fit-toroq urbani. Is-Sindku talab sabiex jinħareg sejħa ġdida għal dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li kien kiteb lir-Regjun Xlokk dwar dan il-kuntratt peress li l-Kunsill kien ġie infurmat biex ma joħrogx *tender* peress li kienu għaddejjin it-taħditiet biex dawn ix-xogħlijiet jaqaw taħt ir-responsabilita' tar-Regjun. Madankollu, il-Kunsill baqa mingħajr risposta. Il-Kunsill qabel unanimament li tinħareg sejħa ġdida għal manutenzjoni tad-dawl fit-toroq urbani.

5.3 Is-Sindku talab sabiex jinħargu ukoll sejħiet għall-offerti għal xogħol ta' manutenzjoni u tindif ta' soft areas kif ukoll għas-servizz ta' tabelli u sinjali tat-traffiku fil-Birgu. Il-Kunsill approva unanimament li jinħargu dawn is-sejħiet.

7. Tiġdid ta' Polza ta' Assigurazzjoni

7.1 Il-Kunsill approva unanimament li jġedded il-polza ta' assigurazzjoni li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Island insurance Brokers* għall-ammont ta' €1867.33.

8. Nominazzjoni għall-Ġieħ il-Birgu

8.1 Is-Sindku talab li jitressqu n-nominazzjoniet għall-Onorificenzi Ġieħ il-Birgu li kien ser jingħata f'Jum il-Birgu – 7 ta' Settembru 2013 Il-Kunsill ppropona li Ġieħ il-Birgu jingħata lis-Sindku is-Sur John Boxall għall-ħidma u l-kontribut tiegħu fil-lokalita'. Filwaqt lis-Sindku irringrazzja lill-Vici Sindku u l-Kunsilliera, talab li jiġi ppropost persuna oħra.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Anton Gellel, il-Kunsill qabel unanimament li Gieħ il-Birgu jingħata lis-Sur Lawrence Mizzi għal kontribut tiegħu fil-qasam edukattiv u tax-xandir.

9. Talba għal kiri ta' kamra fis-Sur fi Triq it-Torri ta' San Gwann

9.1 Is-Sindku qal li kien ressaq talba lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex proprjeta tal-Gvern li tinsab fi Triq it-Torri ta' San Gwann il-Birgu tiġi devoluta lill-Kunsill peress li din il-kamra kienet abbandunata, kif ukoll peress li biswit din il-kamra ser isir proġett ta' teatru miftuħ sabiex jiġu organizzati attivitajiet kulturali.

10. Talba għad-devoluzzjoni ta' Belveder fi Triq La Valette

10.1 Inqrat korrispondenza mibgħuta minn resident dwar bini ta' kiosk ta' l-injam fuq sit magħruf bħala simenta Belvedere. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' din l-art u tinħareġ sejħa sabiex din l-art tiġi zvillupata. Il-Kunsill qabel unanimament.

11. Affarijiet Oħra

11.1 Is-Sindku ressaq talba ta' Sid il-Ħanut Sapore del Sud sabiex l-ispazju ta' parkegg għal vetturi biswiet il-ħanut li jinsab fi Triq La Vallette jinqaleb u jsir mal-bankina fuq in-naħa l-oħra. Il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oggezzjoni li jsir hekk kif jinkisbu l-permessi meħtieġa mill-Awtoritajiet ikkonċernati u jiġu prezentati lill-Kunsill.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Isabella Testaferrata De Noto | ikkonfermati John Boxall |
| Deputat Segretarja Ezekuttiv | Sindku |